

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-twegġibiet tal-Fondazzjoni

(2011/C 366/27)

INTRODUZZJONI

1. Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Fondazzjoni"), li tinsab f'Dublin, kienet imwaqqfa mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 ⁽¹⁾. L-għan tagħha huwa li tikkontribwixxi għall-ippjanar u l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol aħjar fl-Unjoni billi żżid u xxerred għarfien li huwa rilevanti għal dan is-suġġett ⁽²⁾.

2. Il-baġit tal-Fondazzjoni tal-2010 ammonta għal EUR 20,8 miljun meta mqabbel mal-EUR 20,2 miljun tas-sena ta' qabel. L-għadd ta' persunal impjegat mill-Fondazzjoni fl-aħħar tas-sena kien 101, meta mqabbel mal-94 is-sena ta' qabel.

ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287(1), it-tieni subparagrafu tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti vverifikat il-kontijiet annwali ⁽³⁾ tal-Fondazzjoni, li jikkonsistu fir-"rendikonti finanzjarji" ⁽⁴⁾ u fir-"rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit" ⁽⁵⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2010 u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

4. Din id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skont l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽⁶⁾.

Ir-responsabbiltà tad-Direttur

5. Bħala uffiċjal li jawtorizza, id-Direttur jimplementa d-dħul u l-infiq tal-baġit skont ir-regoli finanzjarji tal-Fondazzjoni li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu u fi ħdan il-limiti

tal-appropriazzjonijiet awtorizzati ⁽⁷⁾. Id-Direttur huwa responsabbli mit-twaqqif ⁽⁸⁾ tal-istruttura organizzattiva u s-sistemi u l-proċeduri tal-ġestjoni u l-kontroll interni rilevanti biex jiġu ppreparati kontijiet finali ⁽⁹⁾ li huma ħielsa minn dikjarazzjoni żbaljata materjali, kemm jekk minħabba frodi jew inkella żball, u biex jiżgura li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet huma legali u regolari.

Ir-responsabbiltà tal-Qorti

6. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li tipprovi, abbażi tal-verifika tagħha, dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li huma bbażati fuqhom.

7. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi tal-Etika tal-IFAC u l-ISSAI ⁽¹⁰⁾. Dawk l-standards jitolbu li l-Qorti tikkonforma mar-rekwiżiti tal-etika u li tippjana u twettaq il-verifika biex tikseb assigurazzjoni raġonevoli dwar jekk il-kontijiet humiex ħielsa minn dikjarazzjoni żbaljata materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet ta' bażi humiex legali u regolari.

8. Il-verifika tal-Qorti tinvolvi t-twettiq ta' proċeduri sabiex tinkiseb evidenza tal-verifika dwar l-ammonti u l-iżvelar fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li huma bbażati fuqhom. Il-proċeduri jintgħažzu skont il-ġudizzju tal-awditur, inkluża l-valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali fir-rapporti finanzjarji, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta tagħmel dawk il-valutazzjonijiet tar-riskju, il-kontroll intern rilevanti għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni tal-kontijiet tal-entità jiġi kkunsidrat sabiex jiffasslu proċeduri tal-verifika li huma xierqa fiċ-ċirkostanzi. Il-verifika tal-Qorti tinkludi wkoll evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politika tal-kontabilità użata u r-raġonevolezza tal-estimi tal-kontabilità magħmula mill-manijement u kif ukoll evalwazzjoni tal-preżentazzjoni tal-kontijiet inġenerali.

⁽¹⁾ ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1.

⁽²⁾ L-Anness jagħti sommarju tal-kompetenzi u tal-attivitajiet tal-Fondazzjoni. Jiġi ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn il-kontijiet huma akkumpanjati minn rapport dwar il-ġestjoni tal-baġit u dik finanzjarja matul is-sena li, fost l-oħrajn, jagħti rendikont tar-rata ta' implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet flimkien ma' informazzjoni fil-qosor dwar it-trasferimenti tal-appropriazzjonijiet fost il-partiti varji tal-baġit.

⁽⁴⁾ Ir-rendikonti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-likwidità, ir-rendikont tat-tibdil fil-kapital u l-anness għar-rendikonti finanzjarji li jinkludi d-deskrizzjoni tal-politika tal-kontabilità prinċipali u informazzjoni oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁵⁾ Ir-rapporti tal-implimentazzjoni tal-baġit jikkonsistu fil-kont tar-riżultat tal-baġit u fl-anness tiegħu.

⁽⁶⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72).

⁽⁸⁾ L-Artikolu 38 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002.

⁽⁹⁾ Ir-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-kontijiet u tal-kontabilità mill-Aġenziji huma stabbiliti fil-kapitolu 1 tat-Titlu VII tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 652/2008 (ĠU L 181, 10.07.2008, p. 23) u huma fil-fatt integrati fir-Regolament Finanzjarju tal-Fondazzjoni.

⁽¹⁰⁾ Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

9. Il-Qorti tqis li l-evidenza tal-verifika miksuba hija biżżejjed u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjoni stipulati ta' hawn taħt.

L-opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

10. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-Kontijiet Annwali tal-Fondazzjoni ⁽¹¹⁾ jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2010 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-

likwidità tagħha għas-sena li ntemmet, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha.

L-opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

11. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2010, fl-aspetti materjali kollha huma legali u regolari.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Igors LUDBORŽS, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-6 ta' Settembru 2011.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

⁽¹¹⁾ Il-Kontijiet Annwali Finali ġew imfassla fit-30 ta' Ġunju 2011 u ġew irċevuti mill-Qorti fl-4 ta' Lulju 2011. Il-Kontijiet Annwali Finali jistgħu jinstabu fuq il-websajt li ġejja <http://eca.europa.eu> jew www.eurofound.europa.eu.

ANNEX

Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Dublin)**Kompetenzi u attivitajiet**

<p>L-oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat (L-Artikolu 151 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p>	<p>L-Unjoni u l-Istati Membri, waqt li jżommu f'moħħhom id-drittijiet soċjali fundamentali bħalma huma dawk stabbiliti fil-Karta Soċjali Ewropea li kienet iffirmata f'Turin fit-18 ta' Ottubru 1961 u l-Karta tal-Komunità tal-1989 dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema, għandu jkollhom bħala mira l-promozzjoni tal-impjeg, it-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, sabiex jagħmlu possibli l-armonizzazzjoni tagħhom waqt li jitkompla t-titjib, il-protezzjoni soċjali xierqa, id-djalogu bejn min imexxi u l-ħaddiema, l-iżvilupp tar-riżorsi umani bil-mira ta' livell għoli ta' mpjeg [impjeg] li jdum għal żmien twil u l-għieda kontra l-esklużjoni.</p>
<p>Il-kompetenzi tal-Fondazzjoni (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1111/2005)</p>	<p>L-Objettivi</p> <p>L-għan tal-Fondazzjoni għandu jkun li tikkontribwixxi għat-twaqqif ta' kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol aħjar billi żżid u xxerred għarfien li huwa rilevanti għal dan is-suġġett. B'mod partikolari, hija meħtieġa tikkunsidra l-oqsma li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-bniedem meta jkun fuq ix-xogħol, — l-organizzazzjoni tax-xogħol u partikolarment id-disinn tal-impjeg, — il-problemi li jirrigwardaw ċertu kategoriji ta' ħaddiema, — l-aspetti fit-tul dwar it-titjib tal-ambjent, — it-tqassim ta' attivitajiet umani fl-isparju u fiż-żmien. <p>Il-Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — ssaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenza f'dawn l-oqsma, — tiffaċilita l-kuntatt bejn l-universitajiet, l-istituzzjonijiet ta' studju u riċerka, organizzazzjonijiet u amministrazzjonijiet soċjali u ekonomiċi, — twettaq studji jew biex tikkonkludi kuntratti ta' studji u biex tipprovdi assistenza għall-proġetti pilota, — tikkoopera mill-qrib kemm jista' jkun ma' istituzzjonijiet speċjalizzati eżistenti fl-Istati Membri u fil-livell internazzjonali.
<p>It-tmexxija</p>	<p>1 – Il-Bord Amministrattiv (BA)</p> <ul style="list-style-type: none"> — minn kull Stat Membru: <ul style="list-style-type: none"> — rappreżentat wieħed mill-gvern, — rappreżentant wieħed minn organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u rappreżentant wieħed tal-ħaddiema, — tliet rappreżentanti mill-Kummissjoni. <p>2 – Il-Bureau tal-BA</p> <ul style="list-style-type: none"> — jikkonsisti fi 11-il membru; 3 membri minn kull wieħed mill-imsieħba soċjali u l-gvernijiet, tnejn mill-Kummissjoni, — jissorvelja l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-BA u jieħu miżuri sabiex jiżgura t-tmexxija tajba bejn il-laqgħat tal-BA. <p>3 – Id-Direttur huwa maħtur mill-Kummissjoni minn lista ta' kandidati ppreżentata mill-BA, huwa jimplementa d-deċiżjonijiet tal-BA u tal-Bureau tal-BA u jmexxi l-Fondazzjoni.</p> <p>4 – Il-Kumitat tal-esperti huwa magħmul minn mhux aktar minn tliet membri mill-Kummissjoni, mill-gvernijiet u mill-imsieħba soċjali, bil-għan li jagħti pariri dwar l-implimentazzjoni ta' proġetti kbar u dwar il-valutazzjoni tar-riżultati.</p> <p>5 – Il-verifika esterna</p> <p>Il-Qorti tal-Awdituri.</p> <p>6 – L-awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>

<p>Ir-riżorsi disponibbli għall-Fondazzjoni fl-2010 (2009)</p>	<p>Il-Baġitt EUR 20,9 miljun (<i>EUR 20,2 miljun</i>)</p> <p>Il-persunal fil-31 ta' Diċembru 2010 101 kariga u waħda mogħtija fil-pjan ta' stabbiliment, li minnhom 91 (81) kienu okkupati fil-31 ta' Diċembru 2010.</p> <p><i>Persunal Ieħor:</i> L-Esperti Nazzjonali Ssekondati: 0 (0) Il-Persunal fuq Kuntratt: 10 (13) It-Total tal-Persunal impjegat: 101 (94)</p> <p><i>Allokati lil</i> L-attivitajiet operazzjonali: 66 (62) Il-kompiti amministrattivi: 31 (28) Imħallta: 4 (4)</p>
<p>L-attivitajiet u s-servizzi pprovduti</p>	<p>Il-Monitoraġġ u l-Istħariġ <i>In-Network tal-Osservatorji Ewropej (NEO):</i></p> <ul style="list-style-type: none"> — l-Osservatorju Ewropew għar-Relazzjonijiet Industrijali (EIRO) żdiedu 357 aġġornament ta' informazzjoni; ħames studji rappreżentattivi; aġġornamenti annwali dwar ħlas u ħinijiet tax-xogħol u azzjoni industrijali; aġġornamenti annwali dwar ir-relazzjonijiet industrijali; 6 rapporti analitiċi u komparattivi — l-Osservatorju Ewropew dwar il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol (EWCO) żdiedu 107 aġġornament ta' informazzjoni; sitt rapporti analitiċi komparattivi dwar promozzjoni tax-xogħol ta' ħaddiema immigranti u l-persuni u dawk li jaħdmu għal rashom — l-Immonitorjar tar-Ristrutturar Ewropew (MRE), żdiedu 1 258 skeda informattiva ta' ristrutturar; erba' rapporti analitiċi komparattivi <p><i>L-Istħariġ:</i></p> <ul style="list-style-type: none"> — it-tieni Sthariġ Ewropew dwar il-Kwalità tal-Ħajja: rapport ta' analiżi sekondarja dwar il-ħajja tal-familja u x-xogħol — it-tielet Sthariġ Ewropew dwar il-Kwalità tal-Ħajja: thejjiġa ta' xogħol fuq il-post — il-ħames Sthariġ Ewropew tal-Kondizzjonijiet tax-Xogħol: xogħol fuq il-post b'44 000 intervista f'34 pajjiż; ippublikati l-ewwel riżultati (ikomplu) — l-Istħariġ Ewropew tal-Kumpaniji; ippublikat rapport ta' ħarsa ġenerali, analiżi sekondarja dwar profili ta' flessibilità ta' kumpaniji u dwar xogħol part-time <p>L-Impjiegi u l-kompetittività</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-fondi ta' investiment u ristrutturar — l-impatt tal-globalizzazzjoni fuq setturi magħżula: is-servizzi finanzjarji — il-forom ta' intrapenditorja li qegħdin jitfaċċaw — l-iskemi ta' ħidma għal żmien qasir (Rapport "Extending flexicurity – The potential of short-time working schemes" (Nestendu l-flessigurtà – Il-potenzjal ta' skemi ta' ħidma għal żmien qasir) <p>Ir-Relazzjonijiet industrijali u żviluppi fuq il-post tax-xogħol</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-klawżoli ta' deroga fuq pagi — il-flessigurtà fi żminijiet ta' kriżijiet — ir-relazzjonijiet industrijali fis-settur tal-kummerċ — l-involviment tal-impjegati f'kumpaniji taħt l-Istatut Ewropew tal-Kumpaniji — Minn relazzjonijiet industrijali nazzjonali għal dawk settorjali — id-djalogu soċjali u tnaqqis fir-ritmu ekonomiku fis-settur awtomotiv

	<p>Il-koeżjoni soċjali u l-kwalità tal-ħajja</p> <ul style="list-style-type: none">— il-Miżuri għall-inklużjoni soċjali tal-anzjani— is-Sostenn fit-trobbija tat-tfal— il-Politiki interkulturali u relazzjonijiet bejn il-gruppi— it-Tendenzi fil-kwalità ta' ħajja fl-Ewropa 2003 - 2009— il-ġestjoni tad-dejn fid-dar <p>Il-Komunikazzjoni u l-qsim ta' ideat u esperjenzi</p> <p>Tqassmu 85 511-il publikazzjoni stampata; 679 publikazzjoni ġodda fuq il-web u stampati; 873 kuntatti u laqgħat ta' għoti ta' informazzjoni ma' persuni li jfasslu l-politika fuq livell Ewropew; 1,8 miljun sessjoni tal-utent; attivitajiet tal-midja rriżultaw fl-ilħuq ta' 130 miljun ċittadin Ewropew; 252 inkjesta minn ġurnalisti.</p> <ul style="list-style-type: none">— il-Konferenza: "Naħdmu għal żmien itwal permezz ta' kondizzjonijiet aħjar tax-xogħol; modi ġodda ta' organizzazzjoni tax-xogħol u tal-karriera"— is-Serje ta' Seminars tal-Fondazzjoni "L-iżvilupp tal-ħiliet fl-Ewropa: sfidi u azzjonijiet"— 17-il wirja u 25 żjara lill-Eurofound.
--	--

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Fondazzjoni.

IT-TWEĠIBIET TAL-EUROFOUND

1. L-Eurofound ħa nota tar-rapport tal-Qorti.
-